MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 811/2006

Mizzi Group Limited (C21948)

Vs

Malta Union Club.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob illi l-konvenuta Malta Union Club tigi kkundannata thallas is-somma komplessiva ta' seba' mija u hmistax-il lira Maltin (Lm715), rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' hames mija u hmistax-il Lira Maltin (Lm515) bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' bejgh, konsenja u installazzjoni ta' *turf* sintetiku mibjugh u debitament ikkonsenjat u installat lill-konvenuta fuq inkarigu taghha stess, u in kwantu ghar-rimanenti somma ta' mitejn lira Maltin (Lm200), id-differenza fil-prezz bejn it-tapit ta' *turf* sintetiku originarjament stallat gewwa l-Malta

Union Club u l-prezz tat-tapit ta' *turf* sintetiku prezentement stallat gewwa l-istess. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Awissu 2005 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-Risposta tal-Malta Union Club li eccepiet illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' attrici billi ma hemm ebda ammont dovut lis-socjeta' attrici mill-Malta Union Club. Illi wara kuntratt bejn il-partijiet, s-socjeta' attrici naqset li tesegwixxi l-obbligi taghha skond l-istess kuntratt u ghalhekk sar ftehim iehor bejn il-partijiet liema ftehim qatt ma gie esegwit mis-socjeta' attrici. Illi l-ftehim kien li s-socjeta' attrici tnehhi l-'*underlay*' u terga' tpoggi t-tapit b'mod professjonali. Illi t-*turf* sintetiku ma kienx skond il-kwalita' pattwita u ma kienx installat skond is-sengha. B'riserva ghal azzjoni ta' danni kontra l-istess socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' Desmond Mizzi prodott mis-socjeta' attrici..

Sema' x-xhieda ta' Victor Cavallo prodott mis-socjeta' attrici.

Sema' x-xhieda ta' William Cassar Torreggiani prodott mill-Malta Union Club.

Sema' x-xhieda ta' Valerie Zammit prodotta mill-Malta Union Club.

Sema' x-xhieda ta' Edward Xuereb prodott mill-Malta Union Club.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi l-kawza in ezami tikkoncerna hlas li s-socjeta’ attrici qed tippretendi minghand il-Malta Union Club ghal xoghol ta’ tqeghid ta’ *turf* sintetiku, liema *turf* kellu jintuza sabiex fuqu l-membri tal-Club setghu jilghabu l-bocci. Fil-fatt kien sar kuntratt bejn il-partijiet (Dok. DM1), li fih hemm imnizzel car x’tip ta’ *turf* kellu jigi pprovdut mis-socjeta’ attrici, l-prezz globali dovut lis-socjeta’ attrici mill-Union Club konvenuta, kif ukoll it-*time frame* ta’ meta kellhom isiru x-xogholijiet.

Jirrizulta illi meta dan it-*turf* tqieghed ghall-ewwel darba, kellu xi difetti fis-sens illi fuq naha wahda tieghu harget tebgha skura, filwaqt li fuq naha ohra t-*turf* kien kollu mqabbez u ma kienx lixx. Dawn iz-zewg difetti kienu inaccettabbli ghall-membri tal-kumitat tal-Malta Union Club ghaliex t-tnejn li huma setghu jaffettwaw il-loghob tal-bocci, li wara kollox kien l-uniku skop li ghalih sar it-*turf*.

Illi ghalhekk it-*turf* kellu jinbidel sabiex dawn id-difetti jigu rrangati. Fil-fatt huwa proprju hawnhekk fejn johrog illi hemm nuqqas ta’ qbil serju bejn il-partijiet. Dan in-nuqqas ta’ qbil huwa fis-sens illi filwaqt li s-socjeta’ attrici tikkontendi illi t-*turf* inbidel minnha tlett darbiet, il-Malta Union Club tikkontendi illi t-*turf* tqieghed l-ewwel darba u mbaghad minhabba d-difetti li kellu, s-socjeta’ attrici kienet nehhiet l-*underlay* u regghet poggiet it-*turf* kif kien minghajr *underlay*, u ghalhekk skond il-Malta Union Club, t-*turf* mhux veru inbidel tlett darbiet.

Illi t-Tribunal wara li ha konjizzjoni tax-xhieda kollha moghtija, jidhirlu illi kuntrarjament ghal dak li qal Desmond Mizzi fix-xhieda tieghu, t-*turf* in kwistjoni l-ewwel tqieghed u mbaghad, minhabba li hargulu xi difetti, kien tnehha l-*underlay* tieghu, biex b’hekk it-*turf* rega tqieghed minghajr l-*underlay*. Dan gie konfermat minn diversi xhieda prodotti mill-Malta Union Club, li lkoll jikkonfermaw illi mhuwiex minnu illi t-*turf* inbidel tlett darbiet, u li effettivament, kull ma sar kien illi tnehha l-*underlay,* u baqa hekk minghajru.

Illi x-xhud Desmond Mizzi xehed illi fit-tielet darba li inbidel it-*turf,* kien hemm ftehim bejn il-partijiet li l-Union Club kellha thallas differenza fil-prezz ta' mitejn lira Maltin (Lm200). It-Tribunal pero jidhirlu li apparti li m'huwiex konvint illi t-*turf* verament inbidel, di piu, ma hemm assolutament l-ebda prova li kien hemm xi qbil bejn il-partijiet illi jithallsu mitejn lira (Lm200) zejda.

Illi kien jinkombi fuq is-socjeta' attrici li ggib prova konkreta ta' kemm il-darba inbidel it-*turf* in kwistjoni, u dan kien isir facilment li kieku pproduciet il-lavranti taghha, per ezempju, sabiex jixhdu dwar kemm il-darba marru fuq il-post u ezattament ix-xoghol li ghamlu. Dan pero ma sarx mis-socjeta' attrici, u t-Tribunal ghalhekk jidhirlu li ghandu jemmen ix-xhieda estensiva li nghatat mill-membri tal-Malta Union Club, dwar ix-xogholijiet li saru mis-socjeta' attrici.

Illi ghalhekk jidher illi t-talba tas-socjeta' attrici ghall-hlas ta' Lm200, li fl-Avviz minnha pprezentat, gew deskritti bhala '*id-differenza fil-prezz bejn it-tapit ta' turf sintetiku originarjament installat gewwa l-Malta Union Club, u l-prezz tat-tapit ta' turf sintetiku prezentement installat gewwa l-istess*', ma tistax tigi milqugha ghaliex ma gie bl-ebda mod ippruvat illi kien hemm xi *turf* gdid installat, liema *turf* kellu xi prezz ghola, u li fuqu kien hemm xi ftehim dwar hlas.

Illi fir-rigward tal-qbija ta' l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici, u cioe l-ammont ta' Lm515, liema ammont jidher li qed jintalab a bazi tal-prezz indikat fil-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet, it-Tribunal jidhirlu li effettivament, is-socjeta' attrici naqset mill-obbligi taghha taht dan il-kuntratt sabiex tikkonsenja dak li kien miftiehem bejn il-partijiet. Wara kollox kien gie ordnat tapit tat-*turf* sintetiku bl-*underlay,* (jew *'shock pad'* kif deskritt fil-kuntratt), liema *underlay* kellu jipprotegi l-madum ta' taht. Dana l-*underlay* pero kellu jitnehha minhabba li kellu xi diffetti, u r-rizultat ta' dan kien illi l-Malta Union Club spiccat bit-*turf* minghajr *underlay*. Oltre dan, t-*turf* kien baqa mqabbez u jidher li din il-problema qatt ma giet rizolta.

Illi pero, minn-naha taghha, l-Malta Union Club xorta wahda baqghet taghmel uzu minn dan it-*turf* ghaliex gie kkonfermat illi l-membri tal-Club xorta wahda baqghu jilghabu l-bocci. Huwa car illi l-Malta Union Club ma kenitx irrifjutat t-*turf* in kwistjoni billi ddepozitatu fil-Qorti. Skond il-Union Club dan ma sarx ghaliex il-partijiet kienu ftehmu illi s-socjeta' attrici kellha tigi tirranga kollox, haga li qatt ma grat pero. Di piu, skond il-Malta Union Club, hija ma setghax ma taghmilx uzu mit-*turf* ghaliex il-membri taghha kellhom jinghataw dan is-servizz.

Illi tenut dan kollu in konsiderazzjoni, u tenut kont tal-fatt illi s-socjeta' attrici naqset ghal kollox milli tezegwixxi l-obbligi taghha skond il-kuntratt bejn il-partijiet, it-talba taghha ghall-hlas ta' l-ammont ta' Lm515 ma tistax tigi milqugha fl-intier taghha, u ghalhekk it-Tribunal qieghed jiffissa '*arbitro boni viri*', l-ammont li jrid jithallas mill-Malta Union Club lis-socjeta' attrici, f'dak ta' hames mija u hamsin Ewro (€550), ekwivalenti ghal Lm236.11, dovut ghas-semplici raguni li l-Malta Union Club baqghet taghmel uzu mit-*turf* in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa l-eccezzjonijiet tal-Malta Union Club, jilqa t-talba tas-socjeta' attrici biss limitatament fl-ammont ta' hames mija u hamsin Ewro (€550), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz. L-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu ssopportati kwantu ghal terz mill-Malta Union Club, u kwantu ghal zewg terzi mis-socjeta' attrici.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------